# Rapport tal-Bord ta' Inkjesta
# maħtur mill-Prim Ministru Dr Joseph Muscat
# fit-2 ta' Marzu 2017 in rigward
# ta' allegazzjonijiet li dehru
# fil-ġurnal MaltaToday fis-26 ta' Frar 2017

## 1. Kif ġie kostitwit dan il-Bord ta' Inkjesta

Permezz ta' ittra datata t-2 ta' Marzu, 2017, il-Prim Ministru Dr Joseph Muscat ħatar Bord ta' Inkjesta, skont l-Artikolu 4 tal-Att dwar l-Inkjesti (Kap 273 tal-Liġijiet ta' Malta) għall-iskop li:

i. Jeżamina ċ-ċirkustanzi kollha li wasslu sabiex iż-żewġ żgħażagħ imsemmija fil-kitba li dehret fil-"MaltaToday", fil-paġna ta' quddiem, nhar is-26 ta' Frar, 2017, allegatament bidlu l-istqarrija li kienu għamlu mal-Pulizija wara l-arrest tagħhom b'riżultat tal-intervent ta' xi uffiċjali pubbliċi (*Gozitans arrested on drug charges changed poilice statement after political intervention*);
ii. Jiddetermina jekk ġietx segwita l-proċedura u l-liġi li tapplika f'dawn iċ-ċirkustanzi;
iii. Jiddetermina jekk kienx hemm xi forma ta' intervent estern f'dan il-każ;
iv. Wara li jara l-fatti kif inhuma, jekk ikun il-każ jagħmel rakkomandazzjonijiet li għandhom isiru b'riżultat tal-investigazzjonijiet li l-Bord ikun wasal għalihom;
v. U jippreżenta r-rapport relattiv lill-Prim Ministru fi żmien tliet ġimgħat.

L-Avukat sottofirmat ġie appuntat biex jikkonduċi din l-inkjesta. B'ittra datata 22 ta' Marzu, 2017 ġie mitlub illi ż-żmien ta' tliet ġimgħat biex jiġi preżentat dan ir-rapport jiġi estiż sal-5 t'April, 2017. Din it-talba ntlaqgħet.

## 2. X'ġie allegat mill-MaltaToday?

Fil-ħarġa tal-MaltaToday tas-26 ta' Frar, 2017, dehret kitba li ressqet l-allegazzjonijiet li ġejjin:

(a) Illi żewġ żgħażagħ Għawdxin ingħataw l-opportunita' fi kliem l-artikolista Saviour Balzan, editur tal-"MaltaToday", "*to expunge a police statement in which they admitted they had been trafficking in drugs*";

(b) Illi minn sorsi varji ("*various sources*") l-istess żgħażagħ ngħataw din l-opportunita' bis-saħħa ta' l-intervent fil-waqt ("*timely intervention*") ta' żewġ politiċi anzjani tal-Gvern;

(c) Illi fis-Sajf tas-sena 2013, dawn iż-żewġ żgħażagħ li kienu f'party fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini f'Għawdex ġew arrestati u investigati mill-Pulizija, u spiċċaw jammettu li ttraffikaw id-droga;

(d) Illi ż-żgħażagħ kienu arrestati u l-familji tagħhom kienu magħrufin sew f'Għawdex, u jiem wara l-arrest tagħhom żewġ politiċi anzjani kellhom laqgħa mal-missierijiet taż-żewġ żgħażagħ f'bini tal-Gvern f'Victoria;

(e) Illi l-ġurnal MaltaToday kien fil-pussess ta' dettalji speċifiċi dwar din il-laqgħa u li kien proprjament wara tali laqgħa li ż-żgħażagħ ingħataw l-opportunita' li jvarjaw l-istqarrija fl-ammissjoni li kienu għamlu mal-Pulizija, "*which they did*", biex b'hekk il-Pulizija Għawdxija spiċċat ma tieħu l-ebda passi fil-konfront taż-żgħażagħ imsemmija ("*as a result of the revised statements, the Gozitan police did not proceed with prosecuting the two men*").

3. **<u>Xhieda quddiem il-Bord</u>**

i. Xehed quddiem il-Bord **Saviour Balzan, Editur tal-MaltaToday** u awtur tal-kitba li dehret fis-26 ta' Frar li saret referenza għaliha hawn fuq. Hawnhekk fl-ewwel lok irriżulta li l-kitba oriġinali tas-26 ta' Frar kienet segwita b'artikolu datat l-1 ta' Marzu, 2017 u intitolat "*Young woman caught with nine heroin packets asked to change statement after late night meeting*", kif ukoll b'artikolu ieħor datat it-12 ta' Marzu, 2017 u intitolat "*Police escorts key witnesses to late night meeting.*"

ii. Fl-artikolu pubblikat kif ingħad, fl-1 ta' Marzu, 2017, tressqu dawn l-allegazzjonijiet:

a. Illi wara "*shocking revelations*" miġjuba mill-MaltaToday nhar il-Ħadd 26 ta' Frar, 2017, spuntaw aktar dettalji li wasslu lill-MaltaToday biex tiddikjara li żagħżugħa li ġiet arrestata f'Imġarr ix-Xini f'Ġunju, 2013, biddlet l-istorja tagħha tliet xhur wara.

b. Illi ż-żagħżugħa li nqabdet fil-pussess ta' disa' pakketti ta' eroina ġiet mitluba "*to expunge her police statement in which she had implicated two young men in trafficking.*"

c. Illi dan ġara wara li f'Ġunju, 2013 iż-żagħżugħa spiċċat "*red-handed*" fil-pussess tal-eroina b'riżultat ta' "*drug bust*" f'Imġarr ix-Xini, Sannat u għalhekk kienet arrestata mill-Pulizija flimkien ma' żagħżugħ ieħor.

d. Illi fl-istqarrija li saret l-ewwel darba lill-Pulizija ("*her original statement*") iż-żagħżugħa ammettiet il-pussess tad-droga iżda stqarret li kienu żewġ persuni oħrajn li ittraffikaw id-droga, inkluż iż-żagħżugħ li ġie arrestat magħha.

e. Illi matul Settembru ta' dik is-sena (2013) żagħżugħ ieħor li ma kienx dak li ġie arrestat f'Ġunju ta' qabel, kif ingħad, flimkien mat-tfajla li ssemmiet aktar 'il fuq, safa arrestat f' Marsalforn billi kellu fil-pussess tiegħu d-droga cannabis, u hawnhekk skont kif allegat il-MaltaToday, il-Pulizija Għawdxija "*looked at prosecuting two young males who come from well-known families in Gozo*".

f. Illi imbagħad, kif ingħad fl-istess artiklu, "*at the end of October and beginning of November*" il-ġenituri ta' dawn iż-żewġ żgħażagħ ("*two young males*") dehru ("*were noted*") deħlin f'bini tal-Gvern f'xi l-ħdax ta' bil-lejl, fejn ingħad li ltaqgħu ma' żewġ politiċi anzjani, u telqu f'xi s-siegħa ta' filgħodu;

g. Illi kif irrapportat din id-darba, "*as new details emerge*", kienet iż-żagħżugħa li ġiet arrestata f'Ġunju li bidlet l-istqarrija tagħha u mhux "*the two men*" kif irrapportat fl-artiklu tas-26 ta' Frar 2017 u li dan seħħ ftit wara l-laqgħa li ngħad li saret bejn il-ġenituri u ż-żewġ politiċi, billi ż-żagħżugħa fi stqarrija ġdida ("*her new statement*") **li talbet illi ssir** sostniet li "*the young males were not involved in providing her with drugs.*" L-artikolu tal-1 ta' Marzu 2017, ikompli jgħid in konklużjoni: "*She was later only charged with possession of drugs*", u li "*the news report that appeared on Sunday in MaltaToday led Prime Minister Joseph Muscat to announce the setting up of an inquiry*".

iii. Ix-xhud Saviour Balzan għamel riferenza għal kitba oħra, it-tielet kitba, li dehret fil-MaltaToday fit-12 ta' Marzu, 2017, bit-titolu "*Police escorts key witnesses to late night meeting*". Skont ix-xhud, dan l-aħħar artikolu jistabilixxi b'mod definittiv, għaliex aktar korrett mill-kitba preċedenti, it-"*timeline*" ta' dak li allegatament ġara f'dan il każ xahar b'xahar dejjem kif ġie trasmess lill-MaltaToday mis-sorsi ("*sources*") tal-ġurnal. L-artikolu tat-12 ta' Marzu, 2017 kif ukoll dak tas-26 ta' Frar u l-ieħor tal-1 ta' Marzu, qegħdin jiġu esebiti f'dan ir-rapport kif ikkonfermati mix-xhud Saviour Balzan. In rigward tat-"***timeline***" miġjub fl-aħħar artikolu li ġie referenzjat, il-Bord qed jissenjala dan li ġej:

(a) Jingħad fl-artikolu li f'Ġunju, 2013 iż-żagħżugħa f' Imġarr ix-Xini arrestata mill-Pulizija "*admitted to possession (of drugs) but alleges that she bought drugs from a man from Victoria and another man from Munxar. She says this in the presence of a number of CID officials.*"

(b) Jingħad ukoll illi f'Ottubru, 2013, Ministru tal-Gvern "*escorted by two police motorcyclists arrives at Gozo Ministry at 10.30pm. Another Minister is already in the building. At 11.00 pm, the father of the Munxar suspect enters the Ministry, and exits at 1.30am.*"

(c) L-artikolu jgħid illi ż-żagħżugħa (arrestata fi Mġarr ix-Xini f'Ġunju, 2013), "*visits Victoria police station with her lawyer and demands to change her statement and declares that the Munxar man was not her source of drugs.*"

iv. Intalab jixhed quddiem il-Bord **l-Ispettur Bernard Charles Spiteri,** stazzjonat Għawdex.

Il-Bord jirrileva li fil-kors tad-depożizzjoni tiegħu, Saviour Balzan ippreċiża "inter alia" li ż-żgħażagħ arrestati f'Ġunju, 2013 fi Mġarr ix-Xini ("*a young woman from Sannat and a young man from Victoria*") kif rappurtat fl-artikolu tal-MaltaToday tat-12 ta' Marzu, 2017, kienu Zael Vella u Kevin Vella, li ġew investigati mill-Ispettur Bernard Charles Spiteri.

Kif xehed l-istess Spettur tal-Pulizija, iż-żagħżugħa Zael Vella ta' 18-il sena f'dak iż-żmien, irrilaxxjat żewġ stqarrijiet, **it-tnejn fis-16 ta' Ġunju, 2013: waħda f'11.50hrs u l-oħra f'18.10hrs. hawnhekk esebiti.**

Ġie konfermat ukoll illi **b'sentenza** mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dottor Josette Demicoli) **fis-17 ta' Ġunju, 2013**, wara li l-imsemmja Zael Vella tressqet quddiem il-Qorti b'imputazzjonijiet ta' pussess ta' droga, hija ġiet liberata bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mid-data tas-sentenza li ngħatat.

**Is-sentenza** hekk mogħtija tinsab hawn esebita.

L-Ispettur Spiteri mistoqsi jekk wara l-investigazzjoni u wara s-sentenza li ngħatat kif ġie spjegat, l-istess Zael Vella avviċinatx lill-Pulizija, direttament jew indirettament, għall-iskop li **tvarja xi waħda miż-żewġ stqarrijiet li hija kienet irrilaxxjat** (ibid), wieġeb kategorikament illi **l-ebda tali avviċinament ma seħħ.**

Il-każ ta' Kevin Vella wkoll ġie istruwit mill-**Ispettur Spiteri**. Kevin Vella irrilaxxja stqarrija fis-16 ta' Ġunju 2013 (15.30hrs) li qed tiġi esebita.

Kien ġie redatt ir-rapport relativ (16.06.2013), hawnhekk esebit, li jistabilixxi illi l-Maġistrat tal-Għassa fiż-żmien rilevanti, il-Maġistrat Dottor Josette Demicoli, ingħatat it-tagħrif meħtieġ dwar l-arrest ta' Kevin Vella u ċ-ċirkostanzi konkomitanti għal tali arrest. **Il-Maġistrat ordnat Inkjesta**.

Minbarra hekk, ġie kkonfermat illi Kevin Vella tressaq il-Qorti u il-każ tiegħu jinsab attwalment ***sub judice***.

L-artikolu fil-MaltaToday (12.03.2017) li rrediga "*timeline*" fejn ġie indikat l-arrest **f'Settembru 2013** ta' żagħżugħ mill-Munxar, billi kellu d-droga cannabis fill-pussess tiegħu, ġie kjarifikat mill-artikolista Saviour Balzan fid-depożizzjoni tiegħu quddiem il-Bord fis-sens li kien qed jirreferi għal ċertu Christopher Vella.

Il-Bord indaga u rriżulta li bħala fatt fl-1 **ta' Settembru 2013** ġie arrestat f'Marsalforn Christopher Vella, iben Carmel, residenti l-Munxar, Għawdex. Fil-kartiera tiegħu kien instab xi weraq tal-cannabis. Dakinhar ta' l-1 ta' Settembru ġie redatt ir-rapport relativ mill-Pulizija, hawn esebit u l-Ispettur inkarigat kien **Frank Anthony Tabone**, li interroga lill-istess Christopher Vella fit-2 ta' Settembru 2013 (14.50hrs). Ġiet rilaxxjata stqarrija li qed tiġi esebita.

Fid-19 ta' Diċembru, 2013 il-Pulizija ħarġet taħrika ta' kawża lil Christopher Vella (esebita) u l-kawża ġiet deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dottor Neville Camilleri) fl-14 ta'Ottubru 2014 (sentenza esebita).

It-tagħrif suespost ġie miksub mill-Bord wara li, kif ingħad, skont l-indaġini li saret irriżulta li Christopher Vella indikat minn Saviour Balzan, meta xehed, kien ġie investigat mill-**Ispettur Frank Anthony Tabone**, illi sussegwentement intalab biex jidher quddiem il-Bord biex jixhed.

**L-istqarrijiet**

Il-Bord josserva li:

(a) Għalkemm inizjalment, skont l-artikolu fil-MaltaToday tas-26 ta' Frar, 2017, ġie allegat illi kienu ż-żewġ żgħażagħ Għawdxin arrestati mill-Pulizija li

ngħataw l-opportunita' biex "jibdlu" l-istqarrija "oriġinali" tagħhom, fil-kitbiet sussegwenti fil-MaltaToday (1.03.2017 kif ukoll 12.03.2017) il-ġurnal sostna li kienet iż-żagħżugħa (Zael Vella kif identifikata minn Saviour Balzan) li f'Ottubru 2013 marret titlob lill-Pulizija biex kontrarjament għal dak li kienet stqarret qabel magħhom jirreġistraw li ż-żagħżugħ mill-Munxar (Christopher Vella) ma kienx "*her source for drugs*".

(b) Minn imkien ma irriżulta li Zael Vella wara li ġiet **deċiża** l-kawża tagħha kif ingħad f'Ġunju 2013, avviċinat b'xi mod lill-Pulizija biex "tvarja" xi stqarrija li kienet għamlet qabel ġie konkjuż il-proċess tagħha.

(c) Aktar minn hekk, pero', il-Bord ladarba l-każ ta' Zael Vella m'għadux "sub judice" ma jistax ma jesprimix ruħu dwar **iż-żewġ stqarrijiet** li hija rrilaxxjat lill-Pulizija **fl-istess jum** li fih hija ġiet interrogata. L-osservazzjonijiet tal-Bord in propositu se jiġu mfissra b'mod illi ma jinjorawx il-fatt li s-sieħeb tagħha Kevin Vella, assistit kif irriżulta mill-Avukat Dottor Joseph Giglio (xhieda tal-Ispettur Bernard Charles Spiteri), għandu l-proċess tiegħu pendenti, kif ġie spjegat, fil-Qrati tagħna.

(d) Għalkemm ġie rappurtat fil-MaltaToday (12.03.2017) illi ż-żagħżugħa mis-Sannat (Zael Vella) kienet stqarret mal-Pulizija li xtrat ("*she bought*") id-droga mingħand żewġ żgħażagħ oħrajn, bħala fatt ma jirriżultax miż-żewġ stqarrijiet ta' Zael Vella hawn esebiti li hija għamlet xi **dikjarazzjoni simili** lill-Pulizija.

Irriżulta li Zael, mistoqsija "*kemm kienet tħallas*" lis-sieħeb tagħha għad-droga, wieġbet "*ma kontx inħallas tagħha*". **B'danakollu**, l-Pulizija xorta waħda għaddiet biex tgħarraf lill-Magistrat tal-Għassa bl-investigazzjoni tagħha għall-iskop li tiġi ordnata **inkjesta.** Frott ta' l-Inkjesta kienu l-proċeduri istitwiti fil-konfront tas-sieħeb ta' Zael, li kif ingħad huma attwalment pendenti.

**Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet**

**A. Konklużjonijiet**

Kif spjegat, dan il-Bord ta' Inkjesta ġie kostitwit b'konsegwenza ta' l-allegazzjonijiet miġjuba fl-artikolu li deher fil-MaltaToday fis-26 ta' Frar, 2017 (*Gozitans arrested on drug charges changed police statement after political intervention).*

Kif ġie spjegat ukoll, fil-kors tad-deposizzjoni tiegħu quddiem il-Bord, l-artikolista li huwa Editur tal-MaltaToday, irrefera għal żewġ artikoli sussegwenti pubblikati fl-istess ġurnal fl-1 ta' Marzu u fit-12 ta' Marzu ta' din is-sena, li ġew imfissra bħala artikoli li jikkoreġu jew jikkjarifikaw il-kitba oriġinali, dik tas-26 ta' Frar 2017.

i. Il-Bord għalhekk ħass il-ħtieġa, saħansitra fil-parametri tat-*terms of reference* li ġew indirizzati lilu, li jindaga b'mod opportun.

ii. Biex jindaga il-Bord fehem, kif mill-bqija għandu jifhem kull min jissejjaħ biex jiġġudika dwar pretensjonijiet li jinġiebu quddiemu, illi kellu jirriċerka u jistabilixxi fatti **materjali** u **pertinenti** li jirrigwardaw ix-xenarju impostat f'dan il-każ mill-ġurnal MaltaToday.

iii. Il-Bord, għalhekk, qed jirrijepiloga kif ġej ix-xenarju li rriżultalu, fid-dawl tal-fatti li ġew ippreżentati lilu:-

(a) F'Ġunju 2013, iż-żagħżugħa Zael Vella u s-sieħeb tagħha Kevin Vella f' Caliente party fi Mġarr ix-Xini ġew arrestati mill-Pulizija billi nstab li kienu fil-pussess ta' kwantita' sinifikanti ta' droga.

(b) Il-Pulizija nterrogat liż-żewġ żgħażagħ fl-istess jum, is-16 ta' Ġunju 2013, u Zael irrilaxxjat żewġ stqarrijiet lill-Pulizija, filwaqt illi Kevin irrilaxxja l-istqarrija tiegħu.

(c) Zael Vella, wara ammissjoni ta' pussess ta' droga, ngħatat sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati. Kevin Vella ġie akkużat diversament quddiem il-Qorti, u l-każ tiegħu huwa pendenti.

(d) F'Settembru 2013 ġie arrestat Christopher Vella, f'Marsalforn, li kellu fil-kartiera tiegħu weraq tad-droga cannabis. **Saret tfittxija fil-vettura tiegħu kif ukoll fir-residenza tiegħu**. Huwa irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija (esebita), u f'Diċembru 2013 inħarġet taħrika biex jidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex). Fl-14 ta' Ottubru 2014 ingħatat **sentenza** fil-konfront ta' Christopher Vella (esebita wkoll). Ġie notat mill-Bord illi l-akkuża ta' **reċidiva** oriġinarjament dedotta kontra Christopher Vella ġiet irtirata mill-Pulizija peress illi l-preċedent li huwa kellu kien ingħata sentenza għalih aktar minn **ħames snin qabel** u għalhekk ir-reċidiva ma kinitx sostenibbli skont il-liġi.

(e) Irriżulta li **l-Pulizija aġixxiet, fil-każ tat-tliet żgħażagħ li ġew individwati, skont proċeduri stabbiliti**.

In partikolari fejn fir-rapportaġġ fil-Maltatoday ġie allegat illi ż-żagħżugħa Zael Vella marret titlob lill-Pulizija biex tvarja stqarrija min-naħa tagħha fis-sens illi ż-żagħżugħ mill-Munxar ma kienx "*her source for drugs*" (MaltaToday, 12.03.2017), il-Bord ma sab l-**ebda konfort** li jiġġustifika din l-allegazzjoni fl-assjem tal-provi li tressqu.

Dan qed jingħad speċifikatament għaliex kif spjega l-editur tal-MaltaToday, **matul Ottubru, 2013**, ġara allegatament li:-

(a) Il-Ministru tal-Intern ta' dak iż-żmien għamel żjara fil-Ministeru għal Għawdex fejn jingħad li ltaqa' ma' missier iż-żagħżugħ mill-Munxar, u

(b) B'riżultat ta' x'seta' ingħad f'dik il-laqgħa, Zael Vella talbet li treġġa' lura xi stqarrija li setgħet għamlet qabel in rigward taż-żagħżugħ mill-Munxar.

(c) Il-Bord, wara li ra li ż-żagħżugħa Zael bl-ebda mod ma talbet li "tvarja" dak illi stqarret mal-Pulizija "a tempo vergine", ma jistax raġonevolment jislet xi forma ta' konklużjoni loġika dwar ir-**rabta** suġġerita mill-ġurnal bejn **iż-żewġ allegazzjonijiet** illi l-ġurnal ikkontenda li jistgħu jintrabtu flimkien, bħala "*one plus one*". Fi kliem ieħor, skont is-sens komun jekk mhux għall-ebda raġuni oħra, ladarba kif ġie konfermat Zael Vella wara s-sentenza li ngħatat f'Ġunju 2013, qatt ma avviċinat lill-Pulizija biex "tvarja" l-istqarrijiet li kienet għamlet, xi ħtieġa seta' jkun hemm illi tintervjeni **forza "esterna"** biex twassalha li tibdel dak li qatt ma seta' ġie mibdul?

Jiġi innotat illi skont ix-xhieda tal-Ispettur Bernard Charles Spiteri, Zael Vella ikkonfermat bil-ġurament tagħha quddiem il-Maġistrat Dottor Josette Demicoli, Maġistrat Inkwirenti, l-istqarrijiet tagħha irrilaxxjati lill-Pulizija, **ħlief** fejn xtaqet li ma tikkonfermax dak li kienet qalet fil-konfront tas-sieħeb tagħha Kevin Vella.

Kif ingħad, pero', il-Pulizija, in bażi tar-riżultanzi ta' l-Inkjesta Maġisterjali, ipproċediet b'akkużi ta' **traffikar** in rigward ta' l-istess Kevin Vella. Il-Bord osserva wkoll illi l-Ispettur inkarigat ressaq lil Kevin Vella b'dawk l-akkużi fil-Qorti **b'arrest**, u mhux **b'ċitazzjoni** sempliċi li permezz tagħha sew f'Malta u f'Għawdex jiġri li persuni akkużati bi traffikar jitressqu fil-Qorti.

Minbarra hekk, il-Bord talab li jiġu preżentati l-istqarrijiet li kienet irrilaxxjat Zael Vella lill-Pulizija, u talab ukoll illi jiġu preżentati l-atti tal-Procès Verbal redatt mill-Maġistrat Inkwirenti Dottor Josette Demicoli (18.10.2013), li jinsabu hawn esebiti.

Zael Vella fl-istqarrijiet tagħha lil-Pulizija, sostanzjalment ikkonfermati bil-ġurament tagħha fl-Inkjesta Maġisterjali indizjat erba' żgħażagħ minbarra s-sieħeb tagħha Kevin illi hija allegat dwarhom kif ġej:

> "*hu (Kevin) u sħabu kollha jħawdu.*"

Evidentement mhuwhiex il-**kompitu** ta' dan il-Bord li jiġġudika dwar dawn id-dikjarazzjonijiet u oħrajn magħmula miż-żagħżugħa. Iżda l-Bord lanqas ma jista' jinjora dak illi ġie dikjarat, saħansitra fil-**kors ta' Inkjesta Maġisterjali.**

Il-Bord, anke jekk ġie muri li bl-ebda mod ma jista' wieħed jorbot xi "varjazzjoni" sussegwenti tal-istqarrijiet taż-żagħżugħa Zael mal-fatt allegat li l-Ministru tal-Intern ta' dak iż-żmien għamel xi żjara fil-bini tal-Ministeru għal Għawdex, akkumpanjat **bi skorta ta' Pulizija tal-Mutur** ("*Police escort*"), xtaq illi jindaga dwar din l-allegazzjoni fi kwalunkwe każ.

Ġie spjegat lill-Bord (xhieda tal-**Kummissarju tal-Pulizija, Lawrence Cutajar**) xi tkun il-proċedura biex Ministru tal-Gvern ikun akkumpanjat **bi skorta simili** (xhieda esebita), **b'rikjesta li ssir da parti tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin.**

Iżda, aktar minn hekk, **bħala fatt,** irriżulta li **f'Ottubru 2013**, ma ngħatat l-ebda skorta, kif suġġerit mill-ġurnal MaltaToday, lill-Ministru "*in office*".

## B. Rakkomandazzjonijiet

i. Il-Bord hawnhekk jagħmel riferenza għas-siltiet li ġejjin mix-xhieda tal-Editur tal-MaltaToday:-

   a. "Din l-informazzjoni li għandi. Jien għandi 2 to 3 policemen, **police sources** physically present who listened to, mhux detto del detto".

b. "Il-punt kardinali huwa li f'dan il-każ dawn kienu physically present during jew l-interrogation, jew inkella at the Ministry. In the building itself, no I don't have anybody."

c. "Iktar minn hekk, jiena, ovvjament, l-oħra hija li jiena m'għandix aċċess għall-istatements. **L-istatements jistgħu jixhdu ħafna minn din ir-realta'** iġifieri r-realta' hija li jiena staqsejt fuq li staqsejt – Imma bidlet l-istatement? Iva nbidlet l-istatement. **Kif tista' tbiddel statement? U din jien għadni ma fhimthiex.** Tintuża ħafna l-kelma "waiver", **m'għandix idea kif imur.**"

ii. L-istess Editur fid-deposizzjoni tiegħu esprima l-frustrazzjoni ta' diversi persuni (fosthom uffiċjali tal-Pulizija li jinsabu fi kliemu "inkazzati").

iii. Il-Bord irrispettivament mill-allegazzjonijiet li saru u minn xi frustrazzjoni li seta' ġarrab individwu jew ieħor, għoġbu bħala dover tiegħu li jfittex il-**verita'** ta' fatti li jkunu sostnuti bi provi attendibbli.

iv. Ġie rilevat li ż-żgħażugħa Zael Vella indizjat numru ta' żgħażagħ "ħbieb" tagħha li allegatament "kollha jħawdu" fid-droga.

F'dan ir-rigward, il-Pulizija b'riżorsi investigativi adegwati għandha tikseb **profil** taż-żgħażagħ hekk indizjati kif ukoll ta' żgħażagħ oħrajn li jkunu suspettati, bil-poteri kollha permessi skont il-liġi ta' riċerka u nsegwiment.

v. Fl-aħħarnett il-Bord jirrakkomanda li r-riżultanzi kif stabbiliti minn din l-Inkjesta jiġu mibgħuta lill-**Avukat Ġenerali** u lill-**Kummissarju tal-Pulizija** għal kull azzjoni li jidhrilhom li tista' tittieħed skont il-liġi.

**Interferenza Politika**

Fejn ġiet allegata xi forma jew oħra ta' interferenza politika, din kienet allegazzjoni mill-aktar serji, fundamentalment. Kull min hu f'sensih ma jistax ma jikkunsidrax illi allegazzjoni ta' din ix-xorta, li xxerrdet kif ixxerrdet, spiċċat tagħti lok għal suspetti xejn traskurabbli dwar l-operat ta l-istituzzjonijiet, minbarra l-allarm evidenti prokurat f'moħħ dawk iċ-ċittadini li jirrispettaw il-liġi. Għalhekk, indubbjament, allegazzjoni ta' interferenza politika fil-kuntest ta' traffikar tad-droga ġġorr magħha **responsabilita'** kbira, quddiem Alla u quddiem il-bnedmin.

Il-Bord iħoss id-dover li jissottolinea li hawnhekk mhuwhiex il-każ **biss u unikament** illi ma nġieb l-ebda ħjiel ta' prova kwalsiasi li seħħ l-intervent ta' **xi politiku** biex jiġi protett jew aġevolat xi ħadd li kien qed jiġi investigat mill-Pulizija. Aktar minn hekk, ġie **pprovat** quddiem il-Bord illi l-proċess fil-konfront tat-tliet żgħażagħ tmexxa mill-Pulizija b'mod korrett u gwidat mill-proċeduri legalment applikabbli. Dan senjatament fejn wieħed mit-tliet żgħażagħ li għalihom saret riferenza f'dan ir-Rapport attwalment jinsab ipproċessat fil-Qorti b'akkużi ta' traffikar tad-droga.

**Avv. John Vassallo LL.D.**

**Chairperson**